MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-12 ta' Frar, 2015

Numru. 1158/2014

**Il-Pulizija**

**Spettur Arthur Mercieca**

**VS**

**Keith Magro detentur tal-karta tal-identita' numru 146786M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Keith Magro** li gie akkuzat talli:

- Matul ix-xahar ta’ Settembru, 2010 u fix-xhur ta’ qabel gewwa dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ammissjoni bikrija tal-imputat fl-istadju tal-interrogatorju, u dan wara li l-Qorti taghtu zmien xieraq sabiex jerga’ jahseb dwar l-istess.

Semghet fuq ordni Taghha, lill-Ispettur Arthur Mercieca jixhed illi l-imputat ikkopera bis-shih waqt l-istqarrija kif hemm rifless. Ghen u ghadu jghin lill-pulizija fil-konfront tat-terzi gia’ mressqa billi fil-fatt jixhed.

Tqis ghaldaqsant illi fuq ammissjoni ghandu jinstab hati ta’ ricettazzjoni wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mill-lum, u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-import u l-obbligazzjoni naxxenti mill-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------